Leħen il-Parroċċa
Ħal Luqa
awissu 2007

# Il-Kompromess

Dun Karm Camilleri - **Kappillan**

Dan l-aħħar il-Papa Benedittu XVI esprima ruħu dwar il-kompromess li ħafna nsara qed jagħmlu mal-kuxjenza tagħhom fid-dawl tal-moralita' nisranija. Il-kompromess iġiegħlek tgħix ħajja doppja u jġib l-egoiżmu fil-bniedem.

**X'inhu l-Kompromess?**
Il-kompromess ifisser li wieħed filwaqt li jibqa jipprattika l-ħajja nisraija billi jisma' l-quddies u jitqarben u jagħmel karita' ma' l-aktar nies fil-bżonn, tarah min-naħa l-oħra ma jittollerax lill-ġirien jew ma jniżżilx lil min jaħdem miegħu nkella jobgħod lil dawk li jħabbat wiċċu magħhom ta' kuljum. Mela l-kompromess huwa ftehim bejn il-kuxjenza u l-individwu biex ħajjtu jgħixha kif irid u kif jaqbillu. Ma jkun jiswa xejn allura l-ġid li tagħmel jekk il-ħażen tiegħek ma' tikkoreġihx. Ħafna qed jaqgħu f'dan l-iżball anke fil-ħajja matrimonjali barra ż-żwieġ. Ukoll dawk li ma jridux affari mal-knisja, imma jgħidu li jħobbu 'l Alla bħala Missier li biżżejjed tkellmu minn fejn tkun. Ma jistax wieħed jifred lill-Missier mill-Iben li waqqaf il-knisja tiegħu li hija aħna.

**F'kollox bl-onesta.**
San Ġorġ Preca jgħallimna ħafna dwar l-intenzjoni retta. Min iqarraq b'Alla jkun iqarraq bih innifsu. San Ġwann jgħidilna li ma tistax tħobb lil Alla li ma tarahx filwaqt li ma tħobbx lil-proxxmu li tarah. Ħafna drabi nwebbsu qalbna b'mod speċjali fejn jidħol il-ġid tad-dinja, l-iżjed f'dak li huwa wirt bejn l-aħwa, fl-għira għall-oħrajn u fl-inġustizzja lejn il-proxxmu. Kemm tbatija fil-familji li jitkissru mħabba s-sentimenti li ma nikkontrollawx. Kemm hu iebes tikkoreġi lil min ikun għamel kompromess mal-kuxjenza tiegħu. Ikun qisu għamel ftehim ma-xitan li maż-żmien jnduna f'liema baħar ta' nkwiet ikun tefgħu.

Qegħedin fl-eqqel tas-sajf, tajjeb li ngħozzu l-virtu' tal-prudenza fl-ilbies u fl-imġieba kollha tagħna.

ħarġa numru 386 offerta libera

IEQAF u AĦSEB

# Imma Alla tassew jeżisti?

Fr. David Farrugia - Viċi Kappillan



Raġel daħal f'ħanut biex jaqta' xagħru. Kif il-parrukkier beda jaqtagħlu xagħru, bdew diskurata ġmiela. U daqqa jgħidu fuq xi ħadd, u daqqa jsemmu it-tali suġġett. Insomma ma waqfux minuta jgħidu.

F'ħin minnhom, issemma Alla fid-diskursata. Biss, ma għaddiex wisq ħin biex il-parrukkier beda jinsisti: "Jien ma nemminx li Alla jeżisti."

"Għalfejn qed tgħid hekk?" staqsieh l-ieħor.

"Tajjeb. Jekk toħroġ barra fit-triq tirrealizza li Alla ma jeżistix. Għidli: Jekk Alla jeżisti, għalfejn hawn tant persuni morda? Għalfejn hawn dat-tfal mitluqa? Jekk Alla jeżisti m'għandhux ikollna din it-tbatija u l-uġiegħ. Jien ma nimmaġinax li Alla, li jgħidu li huwa mħabba, iħalli dawn l-affarijiet għaddejjin qisu xejn mhu xejn."

Il-klient li kien qed jaqta' xagħru waqaf jaħseb ftit; biss ma xtaqx jirrispondi ladarba ma ridx jiftaħ argument ġdid. Il-parrukkier lesta xogħolu u għaldaqstant ir-raġel qam minn fuq il-pultruna, ħallsu u telaq 'il barra.

X'ħin kien barra mill-ewwel lemaħ raġel mitluq fit-triq, b'xagħru twila u maħmuġa. F'daqqa waħda r-raġel li kien għadu kemm qata' xagħru, dar lura u reġa daħal għand il-parrukkier u qallu: "Ta' x'naf?" qallu. "Li l-parrukkiera ma jeżistux."

"Imma kif qed tgħid hekk", wieġeb il-parrukkier mistagħġeb. "Jien qiegħed hawn u jiena parrukkier u għadni kif qtajtlek xagħarek!"

"Le!" wieġeb il-klient. "Il-parrukkiera ma jeżistux għax kieku kienu jeżistu ma kienx ikollna persuni b'xagħarhom twil u maħmuġ bħalma hu dar-raġel hawn barra."

"Heq, sieħbi, għandek żball! Il-parrukkiera jeżistu. Li jiġri hu li mhux dejjem in-nies jiġu għandi," lissen il-parrukkier.

"Eżatt!" qabel miegħu l-klient. "Dak hu l-punt! Alla jeżisti! Li jiġri hu li n-nies mhux dejjem tmur għandu. Bosta drabi mhux dejjem tfittxu. Hu għalhekk li hawn t-tbatija u l-uġiegħ fid-dinja."

***Għalhekk ħabib qis li ssib ħin biex lil Alla tfittxu u tmur għandu.***
***Ftakar: "Min ifittex, isib, u min iħabbat, jiftħulu."***

# Id-**Djarju** tal-Parroċċa

## awissu 2007

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd | 12 | Il-quddiesa tat-8:30 a.m. tkun imxandra fuq l-RTK |
| **L-Erbgħa** | **15** | **Solennita' tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma Santa Marija.**<br>Infakkru fl-obbligu tal-quddies, li jkun fl-istess ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd. |
| Il-Ħadd | 19 | Niċċelebraw il-Magħmudija fil-5:30pm |
| Il-Ħadd | 26 | **Festa tal-Madonna taċ-Ċintura**<br>Fil-5:00 p.m. - Rużarju<br>Fil-5:30 p.m. - Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna |



**Kont taf li apparti mill-Knisja Parrokkjali, Ġesu' Sagramentat ikun qed jistennik tmur iżżuru fil-Kappella tal-Madonna tal-Ftajjar.**

**Ġranet u Hinijiet:**
**Kuljum barra l-Hadd**
**mis-7:00a.m. sas-7:00p.m.**

**Qis li jibqa jarak anke fis-sajf!**



**Twieldu mill-Ġdid bil-Magħmudija**
Julian Grech
Andre' Sammut



**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ**
William Harmon ma' Audry Dimech
Raymond Briffa ma' Marlene Grech
Rodney Muscat ma Claudia Attard



**Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem**
Josephine Galea
Mary Sammut
Salvina Schembri
John Mary Busuttil




Il-Kappillan u l-Kleru jixtiequ jirringrazzjaw lill-Baned u s-sezzjonijiet kollha tagħhom, il-Chorus Excelsior, il-volontiera li jnaddfu u jarmaw il-knisja kif ukoll il-poplu Ħalluqi kollu għas-sehem tagħhom fiċ-ċelebrazzjoni tal-Festa ta' Sant' Andrija.

Segwi l-avviżi u dak li jkun qed isir fil-Parroċċa permezz ta' l-Internet...

**www.luqaparish.com**

# Ngħixu l-Liturġija 18

Kan. Karm Zammit

## Il-Ġimgħa l-Kbira

Jum it-tifkira tal-Passjoni tal-Mulej huwa jum lifih il-Knisja tieqaf timmedita l-mogħdija tal-Mulej mid-dinja għal għand il-Missier mit-triq tas-salib, hija u ssum u tgħaddi l-jum kollu fit-talb u l-meditazzjoni tal-Passjoni tiegħu. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej trid tibda għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar.

L-ewwel qari hu mill-Ktieb tal-Profeta Isaija. Fil-Qaddej ta' Jaħweh, il-Knisja tara x-xbieha ta' Kristu fil-Passjoni tiegħu, miċħud minn ġensu, iżda mgħolli minn Alla għas-sebħ tal-qawmien mill-imwiet.

Is-salm responsorjali jtenni l-ħsieb tal-qari minn Isaija: "sirt ħaġa ta' żeblieħ u ta' twerwir għall-ġirien", imam " l-Mulej jeħlisni minn id l-għedewwa tiegħl". It-tieni lezzjoni mill-ittra lil-Lhud tkompli l-ħsieb ta' l-ewwel qari: Kristu jieqaf magħna fit-tiġrib kollu tagħna.

Il-vers ta' qabel l-Evanġelju jfakkarna li Ġesu' obda sal-mewt, sal-mewt fuq is-salib, u għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem. San Ġwann fl-Evanġelju jurina kif seħħet l-Iskrittura fil-Passjoni tal-Mulej. Ġuda ttradih, Pietru ċaħdu tliet darbiet, Pilatu għarfu bħala



sultan, is-suldati tellgħu x-xorti għat-tunika tiegħu. L-Iskrittura seħħet sħiħa meta Ġesu' qal: "Għandi l-għatx!" għatx ta' l-erwieħ.

Meta jintemm il-qari, tingħad it-Talba tal-Fidili. Il-fehmiet ta' din it-talba universali huma dawn:

i għall-Knisja
ii għall-Papa
iii għall-ordnijiet kollha tal-ġerarkija u għall-fidili kollha
iv għall-katekumeni
v għall-għaqda bejn l-insara
vi għal-Lhud
vii għal dawk li ma jemmnux fi Kristu
viii għal dawk li ma jemmnux f'Alla
ix għall-mexxejja tal-pajjiżi
x għal dawk li huma mġarrbin.

Wara dawn it-talbiet, issir l-espożizzjoni tas-Salib u l-adorazzjoni tiegħu. Meta tintemm l-adorazzjoni, is-salib jitqiegħed f'postu fuq l-altar u jitqiegħdu ma' ġenbu żewġ gandlieri bix-xemgħat jixegħlu.

Meta tintemm l-adorazzjoni tas-Salib, djaknu jmur iġib is-Sagrament mill-kappella fejn kien tqiegħed il-Ħamis fil-għaxija għall-adorazzjoni tan-nies, u jtellgħu fis-skiet għal fuq l-altar għat-tqarbin tan-nies.

Referenza:
Il-Jiem tal-laqgħa tal-Ġemgħa - Ġ Lupi